MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 24

It-Tnejn 7 ta' Diċembru 2020

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex nhar it-Tnejn 7 ta' Diċembru 2020 fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.
Huwa talab skuża lil dawk kollha li kienu ser isegwu din il-laqgħa permezz tal-*live streaming* peress li minflok fil-5.30pm il-laqgħa ser tibda fis-6.30pm. Dan minħabba li l-laqgħa annwali tal-lokalita' li kienet skedata qabel din il-laqgħa damet aktar milli previst.

### 24.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

24.1.1 Il-Kunsill irċieva ittra ta' apoloġija mill-Kunsillier is-Sur Joseph Cauchi li ma setgħax jattendi minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-membri preżenti aċċettaw l-apoloġija.

### 24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

24.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 23 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

24.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

24.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 24.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

24.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri ssuġġerixxa sabiex isir *traffic management plan* fl-inħawi tar-*roundabout* fi Triq Ta' Rinota k/m Triq Dun Spir Gauci sabiex il-parkeġġ ikun imqassam aħjar. Kien hemm qbil mill-membri preżenti.

24.3.2 Is-Sindku nforma lill-membri li ġie avviċinat minn resident fi Triq iż-Żirżieb sabiex isiru *double yellow lines* ta' metru kull naħħa ta' żewġ garaxxijiet. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

Is-Sindku għarraf lill-membri biex tinstab data u post għall-ikla tal-

Kunsill Lokali Il-Munxar

24.3.3 Milied bejn il-membri u l-ħaddiema tal-Kunsill. Kien hemm qbil sabiex l-ikla ssir f'post fejn tiġi rrispettata d-distanza soċjali u l-miżuri ta' prekawzjoni.

24.3.4 Is-Sindku informa lill-membri li saret laqgħa mal-Inġinier li qed jaħdem fuq il-*Bill of Quantities* għas-sistema tad-dawl tal-Pjazza tal-Knisja fejn żdiedu xi dwal mat-taraġ li ser ikun jagħti għal Triq Damasku.
Is-Sindku għarraf ukoll lill-membri li x-xogħol fuq ix-xelters tal-Pjazza ser jibda fil-jiem li ġejjin.

## 24.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

24.4.1 Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Carmela Parnis, ġibdet l-attenzjoni li l-kuntrattur li qed jaħdem fuq sit ta' kostruzzjoni fil-Pjazza ħasel l-inġenji tiegħu mis-sument u dan niżel fuq il-pavimentar sa ħdejn il-Knisja. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur u jitnaddaf il-pavimentar.

24.4.2 Il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil informa lill-membri li ġie avviċinat minn persuna li qed tiġbed l-attenzjoni dwar il-ħajt ta' taħt Triq San Xmun li għandu bżonn xi interventi. Is-Sindku qal li hemm proġett ippjanat għal dik iż-żona li ġie propost lill-Ministeru Għal Għawdex.

24.4.3 Il-Kunsilliera, is-Sinjura Juliet Attard ġibdet l-attenzjoni għal darb'oħra dwar nuqqasijiet fis-servizz tal-ġbir tal-iskart fil-Munxar. Is-Sindku qal li hu qed ikun f'kuntatt kontinwu mal-kuntrattur u kull ilment qed jgħaddi lill-kuntrattur dak il-ħin stess.

## 24.5 Jum il-Munxar 2020;

24.5.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri fakkar lill-membri li din is-sena f'Jum il-Munxar ser issir quddiesa tal-okkażjoni fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu nhar it-12 ta' Diċembru fil-5.30 ta' filgħaxija. Is-serata li ssoltu ssir fiċ-Ċentru Parrokkjali mhux ser issir minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-pandemija COVID-19.

24.5.2 Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil mill-membri sabiex il-preżentazzjoni tal-premijiet tkun wara l-quddiesa fil-Knisja stess u

Kunsill Lokali Il-Munxar

wara jkun hemm riċeviment żgħir għal dawk li jattendu. Dakinhar ser jintwera' wkoll filmat qasir b'messaġġi tal-okkażżjoni li mbagħad jittella' fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill. Kien hemm qbil ukoll sabiex jiġu stampati u jitqassmu inviti għal din iċ-ċelebrazzjoni lill-persuni distinti.

24.5.3 Il-membri ddiskutew ukoll in-nomini li l-Kunsill irċieva għall-premijiet ta' Jum il-Munxar, kien hemm qbil sabiex Salvu Parnis jiġi premjat Ġieħ il-Munxar, Annunziata Borg tiġi premjata bil-premju 'Impenn u Volontarjat', filwaqt li Michelina Debrincat tiġi premjata bil-premju 'Involviment fir-raħal u l-Qasam Edukattiv'.

## 24.6 Laqgħa Annwali tal-Lokalita';

24.6.1 Is-Sindku qal li saret il-laqgħa annwali tal-lokalita' fiċ-Ċentru Parrokkjali qabel din il-laqgħa tal-Kunsill u stqarr li kien hemm konkorrenza tajba mill-pubbliku li kellhom kummenti validi.

## 24.7 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji (*budget*) għas-sena 2021;

24.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra l-estimi finanzjarji (*budget*) għas-sena 2021.

24.7.2 L-estimi finanzjarji (*budget*) għas-sena 2021 ġew approvati unanimament minn dawk preżenti u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 24.8 Xogħlijiet ta' restawr tat-Torri tax-Xlendi;

24.8.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li beda jitneħħa t-terrapien li kien mitfugħ quddiem it-torri u ma' ġenb minnhom. Huwa qal li l-i*scaffolding* issa ġie nstallat fuq il-faċċati kollha u fil-jiem li ġejjin ser jibda x-xogħol biex jinħatt dak il-ħajt tal-kantun li kien sar fl-aħħar xogħlijiet ta' restawr u jerġa' jinbena mill-ġdid. Dan ix-xogħol ser isir minħabba li skont il-Perit tal-proġett dan ma kienx inbena skont is-sengħa.

Is-Sindku informa lill-membri li l-Perit tal-proġett qed iħejji rapport



Kunsill Lokali l-Munxar

24.8.2 dwar varjazzjonijiet li se jkunu previsti waqt dan ix-xogħol ta' restawr tat-torri tax-Xlendi. Kien hem qbil mill-membri biex dan ir-rapport imbagħad jgħaddi għand id-Direttur tal-Gvern Lokali għall-approvazzjoni tiegħu.

24.8.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-kuntratt ma' Trowel Malta Ltd jiskadi fil-15 ta' Jannar 2021 u probabilment il-Kunsill ser ikollu jestendi din id-data ta' skadenza minħabba li qed isir ix-xogħol b'reqqa kbira u ser jieħu ftit aktar żmien milli previst. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-kuntratt jiġi estiż.

24.8.4 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill qed jistenna li jirċievi l-*Bill of Quantities* mingħand il-Perit tal-proġett sabiex inkunu nistgħu noħorġu s-sejħa għall-offerti biex jinbeda x-xogħol ta' restawr fuq ġewwa, kif ukoll l-*interpretation centre*. Huwa għarraf lill-membri li l-Kunsill għadda l-pjanti tat-torri lill-Heritage Malta li se jkunu qed jgħinu fil-proġett bl-installazzjoni ta' *CCTV cameras* u tfassil tal-*information boards* fuq ġewwa.

24.9 **Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;**

24.9.1 Il-Kunsill irċieva notifika mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar dwar ħruġ ta' avviż ta' infurzar minħabba ksur tal-kontroll tal-ippjanar fi Triq ix-Xlendi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.9.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart li f'Jum il-Milied u f'Jum l-Ewwel tas-Sena mhux ser isir ġbir ta' skart organiku u dak tal-ħġieġ minħabba li l-faċilita' ta' WasteServ Malta Ltd ser tkun magħluqa f'dawk il-ġranet. Minflok, l-iskart organiku ser jinġabar l-għada jiġifieri s-Sibt 26 ta' Diċembru 2020 u s-Sibt 2 ta' Jannar 2021, filwaqt li l-ġbir tal-ħġieġ ser isir il-Ġimgħa ta wara jiġifieri nhar it-8 ta' Jannar 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex jinħareġ avviż flimkien ma' awgurju lir-residenti tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena.

24.9.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex sabiex jiddiskuti u jgħaddi suġġerimenti għat-tfassil ta' offerta għas-servizz ta' *preventive and routine maintenance* tal-i*street lighting* devolut lir-Reġjun Għawdex. Il-Kunsill iddiskuta dan is-suġġett u kien hem qbil li jitressqu suġġerimenti sabiex l-offerta tkun

Kunsill Lokali Il-Munxar

tinkludi kemm għas-servizzi ta' contract manager u għas-servizzi tal-kuntrattur li jagħmel ix-xogħol fuq l-i*street lighting*, kif ukoll tkun tinkludi għall-preparamenti (bħal *bill of quantities, tender specifications, drawings,* etc.) u superviżjoni tax-xogħlijiet fi proġetti speċjali.

24.9.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex sabiex jiddikuti l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tas-sistemi ta' *live-streaming* u *video on demand*. Kien hemm qbil mill-membri li l-Kunsill għandu jimxi mad-direttivi u l-emendi fil-liġi f'dan ir-rigward filwaqt li għandha ssir pressjoni mill-Kunsill Reġjonali sabiex iż-żidiet imposti fuq il-Kunsill għal dawn is-servizzi l-ġodda jiġu rimborżati mill-Gvern Ċentrali.

24.9.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jiġi nnominat Deputat Segretarju Eżekuttiv biex iservi meta s-Segretarju Eżekuttiv ma jkunx jista' jaġixxi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jiċċekja min huma n-nies li jistgħu jiġu nnominati.

24.9.6 Direttiva DLG 7A/2019 – Addendum: Risk Assessment tal-Playing Fields Madwar Malta u Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.9.7 DLG – Tnedija tal-Proċess għas-Sejħa ta' Interess għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031. Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.9.8 Ministeru Għat-Turiżmu u l-Protezzjoni tal-Konsumatur - Skema Siġar. Il-Kunsill bagħat bl-interess tiegħu għal 10 siġar taż-żebbuġ Olea Europaea.

24.9.9 Ċirkulari Nru AKL 2020/131 – Rates for Traffic Management Services offered by the Agency. Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.9.10 Ċirkulari Nru AKL 2020/132 – Influenza vaccine schedule in health centres. Il-Kunsill innota l-kontenut.

24.9.11 Ċirkulari Nru AKL 2020/133 – Istrina 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Kunsill Lokali Il-Munxar

24.9.12 Ilment 38/2020

Jitlob sabiex it-tabella fi Triq is-Sienja fix-Xlendi tkun tinkludi wkoll "Except for Street Residents" jew inkella terġa' ssir bħalma kienet fil-passat u bħal ma qiegħda t-tabella ta' Triq is-Sajjieda fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan biex tintbagħat it-talba lil Transport Malta.

24.9.13 Ilment 39/2020

Jitlob sabiex isir *double yellow line* minflok is-*single yellow line* li hemm preżentament quddiem id-dar tiegħu fi Triq il-Qsajjem fix-Xlendi. Huwa ssuġġerixxa wkoll sabiex l-indafa fix-Xlendi tingħata aktar importanza. Wara diskussjoni bejn il-membri dwar dawn il-punti kien hemm qbil rigward id-*double yellow lines* biex issir konsultazzjoni mar-residenti ta' dawk l-inħawi u jekk dawn joġġezzjonaw il-Kunsill ma jħossx li dawn għandhom isiru. Rigward l-indafa, il-membri tennew l-importanza tal-infurzar mill-awtoritajiet kompetenti.

24.9.14

Ilment 40/2020

Titlob biex bħala residenta ta' Triq is-Sienja fix-Xlendi tkun tista tipparkja l-vettura tagħha f'din it-triq. Bħalma ġie diskuss aktar kmieni f'din il-laqgħa, il-membri approvaw tibdil fit-tabella eżistenti li se tkun qed titressaq għall-kunsiderazzjoni ta' Transport Malta.

**24.10**

**Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

24.10.1

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 24/2020-8 għall-perjodu bejn l-20 ta' Novembru 2020 u s-7 ta' Diċembru 2020 li tammonta għal €139,609.51 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Carmen Parnis kienet il-proponent filwaqt li il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil is-sekondant.

**24.11**

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

24.11.1

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 14 ta' Jannar 2021 fil-5.00 ta' filgħaxija.
Konfermati illum, il-Ħamis 14 ta' Jannar 2021.

Kunsill Lokali Il-Munxar

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar